MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2010

Numru. 855/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa'**

**vs**

**Nazzareno Grech**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat Nazzareno Grech ta' 50 sena, iben Joseph u Cettina nee' Bugeja, imwieled Cospicua fit-08 ta' Awwissu 1954 u residenti 5, Felice Street, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita' numru 629254(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu, Settembru 2004 u fix-xhur ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li kisru

l-istess dizpozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Xjentement sabiex jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik l-istess persuna quddiem awtorita kompetenti b’reat, fil-waqt li kien jaf li l-persuna kienet innocenti, u dan ghad-detriment tan-nutar Dr. Charles Vella Zarb u persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 101 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 13 ta’ Jannar, 2005 (esebit *a folio* 8 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-20 ta’ Jannar, 2005 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta’ Sottomissjonijiet finali maghmula mid-Difiza.

Rat li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprezenta in-Nota ta’ Sottomisjonijiet taghha entro t-terminu lilha prefiss.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fis-7 ta’ Awwissu 2004 l-imputat baghat ittra lil Pulizija fejn irraporta li n-Nutar Charles Vella Zarb kien ghamel it-testment ta’ huh Twanny Grech meta dan tal-ahhar ma kienx f’posizzjoni li jaghmel testment minhabba l-kundizzjoni mentali u fizika tieghu. L-istess imputat irrilaxxja dikjarazzjoni volontarja lil Pulizija (inserita a fol. 17 u 18 tal-process) fejn infurmahom li huh kien miet fit-30 ta’ Mejju 2004 wara operazzjoni kienet saritlu l-Ingilterra minhabba tumur li kellu f’rasu. Huwa allega li ftit gimghat qabel ma miet huh kien skopra li kellu dan it-tumur f’rasu u gie rikoverat l-Isptar fejn ma bediex jara kwazi xejn u ma

tantx kien jaf x’inhu jaghmel. Huwa qal li wara li miet huh skopra li waqt li kien l-Isptar Twanny Grech kien ghamel testment (kopja inserita a fol. 16 sa 18 tal-process) liema testment gie ppublikat min-Nutar Charles Vella Zarb fejn huwa kien gie eskluz mill-wirt. L-imputat qal lil Pulizija li din l-eskluzjoni giet maghmula min-Nutar Vella Zarb li kellu ghalih u insista li huwa kellu relazzjonijiet tajbin hafna mat-testatur u qatt ma stenna li kien ser jigi eskluz mill-wirt. Huwa qal li n-Nutar qatt ma kellu jippermetti lil huh jaghmel it-testment minhabba l-kundizzjoni mentali li kien jinsab fiha meta ghamel it-testment. Wara li l-Pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha dwar dak allegat mill-imputat f’din id-dikjarazzjoni irrizultalha li Twanny Grech immedjatament qabel ma mar l-Ingilterra sabiex jigi operat huwa kien fil-fatt jara minn ghajn wahda u l-kundizzjoni mentali tieghu kienet tali li huwa kien jaf perfettament x’inhu jigri u x’inhu jaghmel. Irrizulta inoltre li r-relazzjoni bejn l-imputat u huh Twanny fil-fatt ma kienitx tajba xejn u li dan tal-ahhar ma kienx jafda lill-imputat. Fid-dawl ta’ dan kollu l-Pulizija baghtet ghall-imputat fejn huwa irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 19 sa 21 tal-process) fejn huwa kompla jsostni dak minnu allegat fid-dikjarazzjoni volontarja u fejn huwa nnega li kien ghamel xi rapport falz fil-konfronti tan-Nutar Vella Zarb.

Illi mil-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u senjatament mix-xhieda ta’ Dr. Josanne Aquilina (traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 9 sa 11 tal-process) irrizulta li kien minnu li Twanny Grech gie *diagnosed b’malignant tumour* f’rasu izda rrizulta wkoll li l-kundizzjoni mentali tieghu kienet norrmali u li sal-gurnata meta huwa siefer lejn l-Ingilterra sabiex jigi operat huwa kien jirraguna sew, kien jara izda ma kienx jiffoka fil-boghod u li huwa ma kienx effetwat la psikologikament u l-anqas emozzjonalment. Dr. Aquilina spjegat li Twanny Grech miet xi jiem wara l-operazzjoni minhabba kumplikazzjonijiet li nqalghu wara l-operazzjoni. Mix-xhieda ta’ Emanuel Grech u Mario Grech (xhieda relattiva nserita a fol. 30-32 u a fol. 35-38 rispettivament) irrizulta li r-relazzjonijiet tal-imputat ma huh Twanny ma kienux tajbin u li Twanny Grech ma kienx jafda lill-imputat u li huma kienu kontinwament jiggieldu bejniethom.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' kalunja kontemplat fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali liema Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

***(1) "Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati –***
***(a) Il-piena ta' prigunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuza falza tkun ta' delitt suggett ghall-piena ikbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn;***
***(b) Il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa disa' xhur, jekk l-akkuza falza tkun ta' delitt suggett ghall-piena mhux akbar mill-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn, izda li ma jaqax taht il-pieni tal-kontravvenzjonijiet;***
***(c) Il-piena ta' prigunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuza falza tkun ta' kull reat iehor.***

***(2) Meta d-delitt isir bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, il-piena tizdied grad."***

Illi wiehed mill-elementi ta' dan ir-reat huwa li wiehed irid jirraporta jew jakkuza lil persuna ohra quddiem awtorita' kompetenti li tkun ghamlet reat. F'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Novembru 1949 fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija vs Vincenzo Attard) il-Qorti qalet is-segwenti:-

***"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista' jgib konsegwenzi serji skond l-Ordinanza tal-Pulizija, ma hux hati ta' kalunja. Ghax denunzja simili tista'***

***taghti lok ghal inkjesta mill-Kummissarju tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza tieghu l-Gvernatur, jew mill-Kummissarju jew Ufficjal iehor kompetenti , imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-Pulizija quddiem il-Qrati Kriminali.***

***Dik id-denunzja pero', tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dizpozizzjonijiet diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunja."***

Sabiex jissussisti r-reat ta' falza denunzja huwa ghalhekk necessarju li d-denunzja tkun tirrigwarda delitt jew kontravenzjoni li allegatament tkun saret mill-persuna li jkun sar ir-rapport dwarha. Fil-kaz odjern irrizulta li l-imputat ghamel allegazzjonijiet foloz fil-konfronti tan-Nutar Vella Zarb u anki dwar huh Twanny Grech fis-sens li allega li n–Nutar Vella Zarb ippermetta lil Twanny Grech jaghmel testment meta Grech ma kienx f'qaghda mentali li jaghmel tali testment izda l-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li dawn l-allegazzjonijiet, ghalkemm mill-provi jirrizulta li huma foloz, ma jammontawx ghal denunzja dwar reat jew kontravenzjoni. Ghalkemm l-allegazzjonijiet maghmula mill-imputat fil-konfronti tan-Nutar setghu ikolllhom konsegwenzi spjacevoli u serji minhabba li setghu jittiehdu proceduri quddiem il-Kunsill Notarili minhabba nuqqas ta' etika tali allegazzjonijiet izda ma setghux iwaslu sabiex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfronti tan-Nutar. L-imputat ghalhekk ma jistghax jinstab hati tal-akkuza ta' kalunja jew denunzja falza kontemplat fl-Artikolu 101 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------